MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 07/2019

It-Tlieta, 19 ta' Novembru 2019

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.15 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dott. Marlene Cini – Viċi Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Baskal Saliba – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Neville Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-Viċi Sindku d-Dott. Marlene Cini ppresjediet il-laqgħa.

## 07.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

07.1.1 Il-Viċi Sindku qalet illi s-Sindku s-Sur Nicky Saliba kien skużat minħabba mard fil-familja. Hi qalet li għandna nitolbu għalih u għall-familja tiegħu f'dan il-mument, kif ukoll għall-membru tal-familja tas-Sur Daniel Cordina.

## 07.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

07.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 6/2019 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

07.2.2 Il-Viċi Sindku talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

07.2.3 Il-Viċi Sindku ressqet xi emendi tal-minuti 6.5.1, r-raba' punt, u bi qbil unanimu ġew approvati u emendati.

Is-Sur Daniel Cordina xtaq jiċċara punt biex jiżdied mal-minuti tal-laqgħa Nru 6/2019. Hu qal li meta kien qed igħid il-verżjoni tiegħu, jemmen li kien żvijat. Hu tenna li kien qal, li bħala kunsill m'għandux is-*say* li jikser il-kelma tal-Perit u għandu joqgħod fuq iċ-ċertifikati tal-Perit Edward Scerri. Hu qal li fl-2010 u fl-2013 ma kinx preżenti u ċ-ċertifikati ma kinx jaf bihom. Fis-seduta Nru 49 ta' l-20 ta' April 2010, fejn kien Sindku s-Sur Carmelo Saliba kien hemm deċiżjoni tal-Perit biex jagħmel stima tax-xogħlijiet. Fis-sena 2013 meta kien Sindku s-Sur Nicky Saliba, kien hemm rapport tal-Perit biex isir x-xogħol. L-istima tax-xogħlijiet fl-2010 kienet ta' €2,096 u fl-2013 telgħet għal €6,307. Il-Viċi Sindku sostniet l-istima tax-xogħlijiet fl-2010 kienet ta' €2,096 u fl-2013 telgħet għal €6,307, aħseb u ara illum kemm tkun. Għalhekk naqblu li wara l-laqgħa tat-12 ta Novembru mad-Dipartiment hemm bżonn noqgħodu attenti u nimxu mal-*budget plan.*

Is-Sur Baskal Saliba qal li dawn ir-residenti li bagħtu din l-ittra ilhom jissaportu aktar minn disa' snin. Hu żied li ma jaqbilx li l-Kunsill reġa' qiegħed hawn u mhux se jaqbel fuq dan. Is-Sur Daniel Cordina staqsa

biex jittieħed vot. Il-Viċi Sindku wieġbet li ma jistax isir hekk peress li ma' ġietx osservata l-prassi meħtieġa. Hi żiedet li l-Kunsill mhux f'posizzjoni finanzjarja li tista' ssir bħalissa bħalma ma jisgħux isiru triqat oħrajn. Is-Sur Daniel Cordina stqarr li x'ħin il-Kunsill ikun qiegħed f'kundizzjoni tajba finanzjarjament għandha tingħata prijorità. Kien hemm qbil minn dawk preżenti fuq dan. Is-Sur Baskal Saliba żied li jkun opportun li jingħata *timeframe*. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-*accountant* tal-Kunsill qed jippjana li jekk il-Kunsill jimxi mal-*budget plan* li ġie ppreżentat waqt il-laqgħa pubblika jinqata d-dejn preżenti u f'madwar tlett snin il-Kunsill ikun f'posizzjoni li jkun jista' jagħmel dan it-tip ta' xogħlijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li l-Kunsill għandu ordni ċara mid-Dipartiment li ma jistax jidħol għal proġetti kapitali u/jew ġodda. Is-Sur Daniel Cordina ppropona li dan l-ilment jgħaddi lil iskema tal-Ministeru għal Għawdex u naraw jistgħux jgħinuna. Kien hemm qbil dwar dan.

07.2.4 Il-Viċi Sindku talbet għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 07.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

(Peress li s-Sindku kien assenti b'apoloġija, fuq struzzjonijiet mibgħuta mill-istess is-Sindku, il-Viċi Sindku mexxiet din il-parti tal-laqgħa).

07.3.1 Il-Viċi Sindku bdiet billi semmgħiet l-oġġezzjoni li l-Kunsill daħħal għall-applikazzjoni ta' żvilupp fi Triq Dun Karm Cachia.

07.3.2 Il-Viċi Sindku semmiet ukoll l-appell għall-iżvilupp ta' Sqaq Anton Mallia. Is-Sindku u l-Perit tal-Kunsill attendew għal dan l-appell. Hi nfurmat lil dawk preżenti li s-sentenza se tingħata nhar il-21 ta' Novembru 2019. Is-Sur Daniel Cordina żied qal li jkun tajjeb li l-awtoritajiet jisimgħu l-polz tal-poplu Żebbuġi u ma jkomplux jeqirdu l-ambjent tar-raħal.

07.3.3 Il-Viċi Sindku enfasizzat l-punt fuq il-kundizzjoni ta' Triq l-Imgħallem, int u tiela' ż-Żebbuġ mir-Rabat, qabel iċ-Ċimiterju tar-raħal qed iċċedi. Hi qalet li din it-triq kemm il-darba kienet irrapurtata mal-Ministeru għal Għawdex. Kien hemm qbil biex issir aktar pressjoni lil Ministeru biex tittranġa mill-aktar fis possibbli qabel ma' jsir xi inċident.

07.3.4 Il-Viċi Sindku nfurmat lil dawk preżenti dwar il-laqgħa li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom mad-Dipartiment dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Din saret fit-12 ta' Novembru 2019. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm direzzjoni ċara mid-Dipartiment dwar l-infiq. Hi tenniet li d-Dipartiment qed jenfasizza li hemm bżonn noqgħodu attenti u naħdmu bil-għaqal. F'Ottubru tas-sena li għaddiet, is-Sindku kien ressaq ittra waqt il-laqgħa biex bħala Kunsill joqgħod attent fl-infiq. Hemm bżonn li kull kunsillier jerfa' r-responsabbilita' fuq dan is-suġġett u qabel ma' jressaq xi mozzjoni jew proposta għal proġetti ta' natura kapitali jew proġetti ġodda li jinvolvu spejjeż sostanzjali, għandu jżomm f'moħħu s-sitwazzjoni tad-dejn li għandu l-Kunsill. Hemm ir-riskju li jekk il-Kunsill ma' jtejjibx il-qagħda finanzjarja tiegħu d-Dipartiment jieħu kontroll tal-finanzi tal-Kunsill.

07.3.5 Il-Viċi Sindku infurmat lil dawk preżenti li l-Kunsill irċieva stedina mis-Sur Mark Camilleri, mill-Kunsill ta' Ħaż-Żebbuġ, Malta dwar xi tip ta' kollaborazzjoni bejn ir-raħal tagħna u Ħaż-Żebbuġ, Malta. Hi tenniet li tkun idea tajba li r-raħal tagħna jibda tip ta' kollaborazzjoni bħal dawn mar-rħula oħrajn ġewwa Malta. Kien hemm qbil bejn dawk preżenti.

07.3.6 Semmiet ukoll il-komunikazzjoni li l-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment bis-suġġett *Smart Bins in Public Spaces*, dwar installazzjoni ta' dawn it-tip ta' bins. Ġew issuġġeriti diversi toroq bħal Triq is-Salini, Triq ix-Xwejni u Triq il-Qbajjar ġewwa Marsalforn u Triq Sagħtrija, Triq Oniċi, ħdejn il-Playingfield ta' l-iskola u ħdejn il-Playingfield ta' Virtu' fiż-Żebbuġ. Kien hemm qbil li nitkellmu mas-Sindku qabel tintbagħat din il-lista.

07.3.7 Il-Viċi Sindku infurmat lil dawk preżenti dwar komunikazzjoni li l-Kunsill irċieva mid-Dipartiment rigward emendi fl-iskeda ta' ġbir ta' l-skart. Kien hemm qbil li l-Kunsill jissuġġerixxi li l-iskeda ta' Marsalforn tibqa' bħas-Sajf is-sena kollha. Il-Viċi Sindku Dott. Marlene Cini żiedet nistgħux nissuġġerixxu ukoll li l-ħin tat-3.00pm jimxi ftit aktar 'il quddiem. Is-Sur Daniel Cordina żied igħid li rridu noqgħodu attenti fi x'ħin jaqgħlaq l-Wasteserv. Is-Sur Baskal Saliba tenna li hemm bżonn li jsiru skedi tal-ġbir tal-iskart b'lingwi differenti u hemm bżonn ta' aktar rondi mill-Pulizija ġewwa Marsalforn. Is-Sur Daniel Cordina xtaq jirringrazzja tal-kooperazzjoni li bħala Kunsill qed isib mingħand l-Ispettur Maurice Curmi.

07.3.8 Il-Viċi Sindku Dott. Marlene Cini infurmat lil dawk preżenti li b'konsegwenza tal-maltemp ta' ġranet ilu, il-*camera* tal-Pjazza u dik tal-Knisja nħarqu. Hi nfurmat lil dawk preżenti li se jibda l-proċess biex jiġu nstallati oħrajn.

## 07.4 Aġġudikazzjoni sejħiet għall-offerti

07.4.1 ZGLC/08/2019 – *Period Contract for general paving works at Marsalforn and Żebbuġ, Gozo.*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li l-bord iltaqa' l-ġimgħa ta' qabel. Hu informa lil dawk preżenti li ntefgħet offerta waħda biss għal dan it-tender u kienet dik ta' Prax Concrete Limited - €14,960.75. Hu nforma lil dawk preżenti li skond ir-rapport tal-bord ta' aġġudikazzjoni, l-offerent kien *technically compliant* u *within budget*. Il-bord irrakkomanda li tingħata lil dan l-offerent. Kien hemm qbil fuq dan.

## 07.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

07.5.1 Il-Viċi Sindku Dott. Marlene Cini ressqet dawn il-punti:

- Talbet aġġornament fuq il-Latrina tax-Xwejni. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li x-xogħlijiet se jsiru mill-ħaddiema tal-Kunsill. Se jintbagħtu stejjem għall-provvista' ta' l-affarijiet li hemm bżonn.
- Talbet aġġornament fuq il-proġett ta' Triq Għajn Mhelhel. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li tkellem mad-Direttur Ġenerali tax-xogħlijiet fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Għarrafha fuq is-sitwazzjoni preżenti u għandhom ikellmu lill-kuntrattur. Billi din it-triq se titħallas mill-fondi tal-Ministeru għal Għawdex, il-Kunsill qed jistenna l-*go ahead* min-naħħa tal-Ministeru.
- Talbet aġġornament dwar l-installazzjoni ta' bozza ġdida fi Triq ix-Xtut, Marsalforn. Se nerġgħu nfakkru lill-kuntrattur fuqha.
- Talbet biex il-parti tat-triq ta' quddiem ir-residenza ta' K. Sultana – 60, Triq il-Ponta, Żebbuġ tiġi asfaltata billi qatt ma' kienet asfaltata. Hi żiedet li skond iċ-ċertifikat li ġabbret mill-*Lands Authority*, din hija art tal-Gvern. Talbet li ssir talba lil

Ministeru biex tiġi asfaltata. Is-Sur Daniel Cordina staqsa għalfejn se tiġi asfaltata, u ma tingħatax il-konkos. Hu żied li din ġa kienet mgħoddiha mill-Kunsill. Il-Viċi Sindku wieġbet li l-Kunsill mhux f'posizzjoni finanzjarja li jista' jagħmel dan ix-xogħol. Is-Sur Daniel Cordina qal li jaqbel li x-xogħol isir mill-Ministeru imma staqsa meta ser isir? Hu qal li ma jaċċettaha qatt li l-Kunsill m'għandux fondi biex isir dan ix-xiber ta' triq. Is-Sinjura Sandra Grech issuġġeriet biex qabel ma tittieħed deċiżjoni, nitkellmu mas-Sinkdu. Dott. Marlene Cini qalet biex insibu l-minuti u nimxu minn hemm. Is-Segretarju Eżekuttiv żied li l-Kunsill irid joqgħod attent minħabba l-posizzjoni finanzjarja preżenti. Hu fakkar li bħalissa l-Kunsill huwa wieħed mis-sitt Kunsilli Għawdex b'qagħda finanzjara mhux daqshekk sabiħa.

- Talbet għal *disabled parking* quddiem ir-residenza 18, Triq Santa Marija Marsalforn. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.
- Talbet aġġornament fuq il-problema tad-drenaġġ quddiem ir-residenza ta' P. Saliba fi Triq Madonna taċ-Ċiċri. Din il-problema kienet li meta saru s-servizzi tat-telefonija, il-kuntrattur kisser xi katusa tad-drenaġġ. Din il-problema tfaċċat issa, minħabba l-fatt li din id-dar bdiet tintuża dan l-aħħar. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li se jitkellmu l-kuntratturi flimkien u se jsolvu l-problema spejjeż tagħhom.
- Infurmat li hemm bankina perikoluża quddiem ir-residenza ta' P. Saliba, Ta' Barda Court, Triq ta' Barda, Marsalforn. Kien hemm li din issir mill-ħaddiema tal-Kunsill.
- Saħqet li hemm bżonn aktar infurzar kontra rimi ta' żibel maġenb il-*bus stop* fi Triq Għajn Mhelhel. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li se jibgħat l-uffiċjali tal-LESA. Is-Sinjura Sandra Grech talbet biex niċċekjaw l-applikazzjoni tal-*bus shelters* għal din iż-żona u l-oħra għal Qbajjar f'hiex waslu.

07.5.2 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:

- Ressaq ilment dwar Triq ta' Milied. Saħaq li kien ġa ressaqha fil-Kunsill, pero qatt ma saret applikazzjoni mal-MEPA għal-permess. Hu talab lill-Kunsill jitfa' l-applikazzjoni sabiex il-lokalita' jkollha aċċess ieħor għar-residenti. Il-Viċi Sindku qalet li għandu jkun hemm kunsens bejn kull min ser ikun affetwat f'din it-triq qabel ma' l-Kunsill jieħu l-passi neċessarji. Is-Sinjura

Sandra Grech qalet li l-ewwel il-Kunsill għandu jitkellem mar-residenti jekk jaqblux, u ma xtaqitx tikkummenta iżjed fuq din it-Triq. Is- Sur Daniel Cordina saħaq li nofs it-triq diġa' ingħatat mill-Ministeru, imma baqa' n-naħħa ta' fuq. Hu qal li din ġa ġiet diskussa f'laqgħat preċedenti u kien hemm qbil li ssir. Is-Sur Baskal Saliba qabel ma' din il-proposta. Is-Sinjura Sandra Grech qalet li tieħu deċiżjoni meta s-Sindku jkun preżenti. Il-Viċi Sindku stqarret li hu tajjeb li jkun hemm aċċessibilita' fir-raħal, bħalma hemm f'taċ-Ċaqra u Triq Għajn Mhelhel. Imma tajjeb li qabel niddeċiedu, jkun preżenti s-Sindku. Is-Sur Daniel Cordina wieġeb li fil-festa, mill-Knisja l-isfel, u meta l-Pjazza tkun magħluqa, ħlief Triq Għajn Mhelhel u Triq Sagħtrija m'hemmx. Din it-triq tkun tista' titfek lejn ir-Rabat.

- Talab biex nerġgħu nibgħatu tfakkira lil Ministeru fuq il-periklu tax-Xwejni li issa ilu aktar minn sena. Kien hemm qbil.
- Talab aġġornament fuq il-fanali taz-zuntier tal-Knisja ta' Marsalforn. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li skond email mingħand il-kuntrattur se jitwaħħlu fil-jiem li ġejjin.
- Issuġġerixxa li issa wasal żmien li l-Kunsill ikollu t-trakk tiegħu. Bl-ispiża ta' €460 fix-xahar – użu ta' vettura privata – il-Kunsill jista' jiffrankaha u jixtri trakk. Hu qal li jekk il-Kunsill ikollu t-trakk tiegħu, il-Kunsill ikun qed jagħmel avvanz u jiffranka mill-ħofra tal-kunsill. Kunsilli ta' rħula oħrajn għandhom. Ikun tajjeb li l-Kunsill jitlob stima, anki għal wieħed *second hand*. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob għal xi stejjem.
- Xtaq jagħmel appell lil Ministru għal Għawdex. Hu qal li ġa għamlu fl-appert u se jerġa' jagħmlu waqt din il-laqgħa – l-istat tat-toroq disastrużi f'Marsalforn. Kieku ma sarux toroq li saru fl-aħħar erba' snin bis-saħħa tal-Kunsill u bil-fondi tal-UIF bħal Triq Għar Qawqla, kieku ma sar xejn. Semma toroq bħal Triq il-Qbajjar, Triq Manwel Magro, Triq Santa Marija u Triq il-Qbajjar, speċjalment ħdejn il-venda li tmiss ma' Triq il-Qbajjar. Hu qal li wieħed jistħi jgħaddi minnhom. Hu talab li l-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni lil Ministeru għal Għawdex sabiex Marsalforn ikun ta' Għawdex ukoll.
- Informa lil dawk preżenti li waslitlu informazzjoni minn uffiċjal ta' Transport Malta fejn membru tal-kamra avviċina membru ta' Transport Malta, sabiex deċiżjoni minn ta' din il-kamra li niddecidu flimkien u li trid tghaddi lil Transport Malta, minn

Transport Malta qed jgħaddi d-deċiżjoni dirett lil dan il-membru, qabel ma jiġi avżat il-Kunsill. Hu qed jikkundanna dan l-aġir ta' dan il-membru. Hu saħaq li deċiżjoni li titieħed f'din il-kamra tkun ittieħdet flimkien u l-kunsill għandu jiġi avżat qabel kull membru.

- Ġibed l-attenzjoni dwar ħajt imwaqqa' li hemm fi Triq Wied l-Infern. Kien hemm qbil biex nibgħatu talba lil Ministeru Għawdex.
- Informa lil dawk preżenti li hemm gandott ħdejn is-supermarkets fi Triq il-Qbajjar għandu bżonn ftit *patching*. Is-Segretarju Eżekuttiv informah li se jiċċekja fuqu.
- Talab biex issir talba lil Ministeru fuq it-tumbata perikoluża li hemm qabel ma' taqbad ir-raħal. Din ġa kienet tressqet. Kien hemm qbil fuq din.

07.5.3 Il-Kunsilliera s-Sinjura Sandra Grech ressqet dawn il-punti:

- Talbet aġġornament fuq l-ilma fi Triq il-Qbajjar. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għaddejjin it-testijiet min-naħħa tas-Sanità u mill-*Water Services*. Hu qal li mas-Sindku ħa l-inizjattiva li avolja din il-problema mhix kompitu tal-Kunsill, li tissejjaħ laqgħa mad-Dipartiment konċernati biex tigi solvuta din il-problema. Il-Kunsill qed jistenna d-disponibilita' tagħhom.
- Xtaqet tiġbed l-attenzjoni dwar dwal mitfi fi Triq ir-Rabat minn ta' Mena l-isfel biex tissemma' fil-laqgħa tar-Reġjun.
- Talbet aġġornament dwar il-*Promenade.* Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dawk preżenti li din il-ġimgħa ċempel rappreżentant tal-Ministeru għal Għawdex fuq Marsalforn u infurmah li se tibda l-manutenzjoni tal-Promende u fakkaru fuq l-*gazebos*.
- Resqet talba għal-*Patching*, fi Triq Santa Marija, hemm żewġ ħofriet kbar minn ta' Magro il' fuq. Kien hemm qbil.
- Ressqet ilment biex issir talba lil Ministeru rigward xi bandli miskurin u jżaqżqu ġewwa Marsalfon. Kien hemm qbil.
- Talbet aġġornament fuq ix-xogħol li kellu jsir fuq l-għerien tax-Xwejni. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li l-Ministeru ilu nfurmat fuqhom u ilhom jintbagħtu tfakkiriet. Qal li se jerġa' jibgħat email lil Ministeru.

07.5.4 Il-Kunsillier is-Sur Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:

- Talab biex isir *traffic management plan* fil-parti fejn hemm il-

playingfield tal-Virtu'. Is-Sur Daniel Cordina qal li din l-area ssemmgħiet ukoll f'laqgħa mar-residenti. Kien hemm qbil biex nerġgħu nibagħtu email lil Perit tal-Kunsill.

- Talab aġġornament fuq it-*traffic managemenet plan* ta' quddiem il-Każin tal-Banda, speċjalment waqt il-ħinijiet ta' l-iskola. Kien hemm qbil biex nerġgħu nibgħatu email lil Perit tal-Kunsill.
- Informa lil dawk preżenti li ltaqa' mas-Surmast ta' l-Iskola rigward il-*fence*. Informa lil dawk preżenti li fuq qbil magħha l-fence ser isir fuq il-biċċa ta' barra, ta' ħdejn it-triq, u jkun għoli madwar żewġ sulari. Il-Viċi Sindku wieġbet li importanti li jkun hemm aċċess għas-servizzi bħall-ambulanza. Kien hemm qbil li jinġabu l-istejjem meħtieġa.
- Ressaq ilment li l-parking ta' Marsalforn qed ikun mudlam. Issuġġerrixxa li jiġu nstallati xi *foodlights*. Kien hemm qbil biex issir talba lil Ministeru ħabba l-fatt li l-*parking* jaqgħa taħt il-Ministeru.
- Talab biex il-Kunsill jiffinanza *led floodlights* għall-grawnd minħabba l-fatt li dawk preżenti qegħdin jinħarrqu bil-maltemp. Dawn għandhom jitwaħħlu wara li jitwaħħal il-*fence*. Hu qal li mhux problema għas-Surmast ta' l-iskola. Kien hemm qbil li jinġabu l-istejjem meħtieġa.
- Semma l-problema ta' Triq l-Imgħallem, triq prinċipali li tagħti mir-Rabat għaż-Żebbuġ li qed iċċedi. Il-Viċi Sindku wieġbet li din ġa ġiet diskussa aktar il quddiem. Hemm bzonn ta' aktar pressjoni mal-Ministeru.
- Informa lil dawk preżenti li l-Għaqda taż-Żgħażagħ talbu lil Kunsill biex jinxtara *hose pipe* u jingħata aċċess mill-Latrina tal-Pjazza għal-ilma meta jsiru xi *car washes*. Kien hemm qbil.
- Ippropona biex f'Jum iż-Żebbuġ tiġi organizzata *open day* fejn jinfetħu attrazzjonijiet fir-raħal, bħal xelters, il-Każin, il-Mużew ta' l-Iskola, Dar Stella Maris, is-Salini, il-Mużew San Bastjan, il-Knisja u oħrajn. Hu qal li qed isemmiha minn issa biex jekk hemm xi fondi ma' jintilfux. Il-Viċi Sindku wieġbet li din it-talba terġa titressaq fiż-żmien aktar qrib Jum iż-Żebbuġ.

## 07.6 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

07.6.1 Korrispondenza Jobplus – *VASTE.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.6.2 Korrispondenza mill-Ministeru tat-Turiżmu – *European Destination of Excellence (EDEN) Award for Health and Wellbeing Tourism.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.6.3 Ċirkulari AKL 2019/128 – *Poster for Solidarity Walk*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.6.4 Ċirkulari mir-Reġjun Għawdex – *Regional Strategy Working Group dwar Provvediment ta' Żvilupp u Implimentazzjoni ta' Strateġiji Kulturali nhar il-Ġimgħa 8 ta' Novembru 2019 fil-5.00pm*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.6.5 Korrispondenza – Uffiċċju Kultura Għawdex – *#Inħobbok 2020 event*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.6.6 Korrispondenza – Uffiċċju Kultura Għawdex – *Invitation MUSIC+ - String Quartet Recital*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.6.7 Korrispondenza AKL – *Team Building – Karaoke Night (Nov 15, 2019)*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.6.8 Korrispondenza OPM – *Achievers Scheme Launch 12.11.19.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.6.9 Korrispondenza NAO – *New NAO Report*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.6.10 Korrispondenza – *DCapitals Band – Invitation to Kantamagħna.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.6.11 Aħbar tal-mewt tas-Sur Charles Gatt missier Noel Gatt, Kunsillier fil-Kunsill Lokali tan-Naxxar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.6.12 Aħbar tal-mewt ta' missier Candice Coppola, Assistent Prinċipal fil-Kunsill Lokali tal-Mosta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.6.13 Korrispondenza – Uffiċċju Kultura Għawdex – *La Stella Band: Grand Concert.* Il-Kunsill innota l-kontenut

07.6.14 Korrispondenza – Uffiċċju Kultura Għawdex – *Invitation: SACRIS –*

*Religious Musical Concert.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.6.15 Ċirkulari AKL 2019/130 – *Bulky Waste Carriers at CA Sites.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.6.16 Ċirkulari LCA – SAVE THE DATE 27/12/2019 – *LCA CHRISTMAS GATHERING*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.6.17 Ċirkulari LCA – *Fully Funded scholarships, one in M.Sc in Management and one in Higher Diploma in Business Management*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.6.18 Korrispondenza Università ta' Malta – *Hate Speech Seminar*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.6.19 Ċirkulari DLG 20/2019 – Emendi fl-Allowances. Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.6.20 Ċirkulari DLG – *Award in Gender Based Violence Support for HR Professionals online course*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.6.21 Ċirkulari DLG 21/2019 – *Management Letter*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.6.22 Ċirkulari DLG – 4 2019 – Funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.6.23 Ċirkulari AKL 2019/132 – *356 Holdings Ltd vs Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali et (ECC) – Risposta maħlufa tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.6.24 Ċirkulari AKL 2019/133 – *Preparations for Black Friday.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.6.25 Ċirkulari Reġjun Għawdex – *Rapport – Regional Strategy Working Group.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.6.26 Ċirkulari DLG – *ATTN: SAVE THE DATE – ECP Malta Conference on EU Funding Opportunities in Gozo – Monday 16th December 2019.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.6.27 Applikazzjonijiet għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- Mark Galea *obo* Sandro Ciliberti – Live Entertainment – Triq il-Port, Marsalforn (Mellows) – 01, 07, 08, 14, 15, 21, 22, 28, 29, ta' Diċembru 2019;

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill, u l-Pulizija ma jsibu l-ebda oġġezzjoni. Il-Kunsill qabel li dawn it-tip ta' permessi jiġu mogħtija xahar b'xahar.

07.6.28 Ilment Nru. 102/2019 – G. Portelli
Jitolbu li jsir *double yellow lines* mal-ġnub tal-garaxx fil-post indikat fi Triq Manwel Magro peress li qed jipparkjaw ta' li mod li qed jostakolawh biex jidħol u joħroġ mill-garaxx. Kien hemm qbil dwar dan. Tintbagħat talba lil Transport Malta.

07.6.29 Ilment Nru. 103/2019 – J. Zammit
Jitlob biex issir bankina quddiem ir-residenza, Dar il-Hena, Triq Għajn Mhelhel, Żebbuġ. Il-Viċi Sindku wieġbet li titniżżel fil-lista ta' bankini li jridu jsiru wara li jiġi ffirmat il-kuntratt tas-sejħa li għadha kemm għalqet. Kien hemm qbil fuq dan.

07.6.30 Ilment Nru. 104/2019 – R. Micallef
Jitlob biex isir *disabled parking* quddiem l-indirizz, Thomas, Mais 1, Triq il-Qolla s-Safra, Marsalforn. Kien hemm qbil fuq dan, u tintbagħat talba lil Transport Malta.

07.6.31 Ilment Nru. 105/2019 – F. Portelli
Titlob biex issir bankina ġdida fl-indirizz Shell Crt, Triq Manwel Magro, Marsalforn. Is-Sur Daniel Cordina tenna hemm bżonn titranġa minħabba li hi ta' inkonvenjent għar-residenti. Il-Viċi Sindku wieġbet li titniżżel fil-lista ta' bankini li jridu jsiru wara li jiġi ffirmat il-kuntratt tas-sejħa li għadha kemm għalqet. Kien hemm qbil fuq dan.

07.6.32 Ilment Nru. 106/2019 – Dr B. Gatt
Jitlob biex isiru *double yellow lines* mal-ġenb tal-garaxx fi Triq Santa Marija, Marsalforn. Is-Sur Daniel Cordina saħaq basta li l-garaxx tiegħu. Jitlob ukoll biex isir xogħol ta' patching qabel mal-ġenb tal-garaxx, jitneħħew żrar u ħaxix ħażin qabel ma jsir jinżebgħu s-sinjali. Kien hemm qbil dwar dan. Tintbagħat talba lil Transport Malta.

## 07.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

07.7.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 05/2019 għall-perjodu bejn is-26 ta' Ottubru 2019 u l-15 ta' Novembru 2019 li tammonta għal €30,525.31 ġiet approvata u ffirmata.

## 07.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta 17 ta' Diċembru 2019 fil-5.15 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 17 ta' Diċembru 2019.

| | |
|---|---|
| *iffirmata* | *iffirmata* |
| Nicky Saliba | Neville Galea |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |